**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 79 – IT-TNEJN, 30 TA’ JANNAR 2017 FIL-5.40PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 78

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 78

2.1 Rigward paragrafu 5.1, is-Sur Etienne Bonello Du Puis informa lill-Kunsill li saret laqgħa nformali mas-Sindki tas-Swieqi, ta‘ San Ġiljan u tas-Sliema. F’din il-laqgħa kien hemm konsensus fuq l-idea li tinħareġ tender waħda għal servizzi ta‘ street lighting li sservi l-erba‘ kunsilli. Għandha ssir laqgħa oħra biex tiġi diskussa l-way forward.

2.2 Rigward paragrafu 5.2 ġie kkomunikat li saret site visit fid-dog park u nstab li kien nadif.

2.3 Rigward paragrafu 7.1.1 kien hemm qbil li għandu jitqabbad persuna professjonali biex jorganizza l-cables li hemm taħt il-bank tal-customer care.

2.4 Rigward paragrafu 7.1.2 għandha terġa‘ tintbagħat reminder lil NextBike biex jerġa‘ jinbena l-ħajt li tneħħa minn Vjal ir-Riħan meta saret l-istation tar-Roti.

2.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret il-laqgħa mal-FTS rigward il-ħsara li saret fil-bankina u passaġġ meta kienu qed jagħmlu x-xogħol.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 69

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħareġ il-permess tal-proġett ta' Karin Grech u għandha tinhareg is-sejha għall-offerti biex jibda x-xogħol.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward it-tender tal-ġonna u s-soft areas. Din għandha tiġi ppublikata fi żmien qasir.

4.3 Kien hemm qbil li tinħareġ sejħa pubblika biex tiġi leased photocopier/printer/ scanner għall-użu tal-uffiċċju

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward l-extra works li jrid isir fuq l-urban greening. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Parks.

4.5 Kien hemm diskussjoni rigward laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali fejn attenda s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. F'din il-laqgħa ġew diskussi, il-bżonn ta' Green wardens fil-lokal biex isir infurzar tal-liġi ambjentali, il-booking ta' wardens TMS mill-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll in-nuqqas ta' wardens li qed ikun hemm meta jiġu mitluba għal TMS.

4.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward laqgħa li saret ma' Wirt San Ġwann. Hu ġie nfurmat li l-Pillbox ser tiġi rilokata f'sit ieħor biex tiġi preservata. Kien hemm qbil li meta din issir, il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tagħha. Kien hemm diskussjoni wkoll rigward proposta ta' Wirt San Ġwann biex issir kolonna fis-sit fejn kien hemm il-Kappella ta' Sant'Andrija. Kien hemm qbil fuq din ukoll.

4.7 Kien hemm diskussjoni rigward issues tal-Kumitat tal-Kappara. Kien hemm qbil mal-Kumitat li l-gym equipment li hemm fil-Ġnien G M Camilleri u l-bankijiet li hemm fi Triq Antonio Schembri ma jiġux rilokati. Kien hemm qbil li tiġi rilokata t-tabella tal-locality map li hemm fi Triq Antonio Schembri. Rigward il-vetturi li jkun hemm għaċ-Chiswick, dan it-traffiku ma jistax jitwaqqaf jaċċessa l-Kappara.

## 5 Korrispondenza

.

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn TM biex issir un/loading bay quddiem Alfen Displays fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu li din ma tiġix aċċettata peress li hemm un/loading bay oħra 20 metru 'l fuq quddiem il-Maypole.

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba mis-San Ġwann Pharmacy fi Triq Felice Borg għal reserved parking. Kien hemm qbil unanimu li din ma tiġix aċċettata peress li din tkun ser toħloq preċedent u f'San Ġwann hemm ħafna spiżeriji u clinics oħra.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn TM għal reserved parking quddiem Prodent Care Dental Clinic fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu li din

ma ssirx peress li hemm waħda fuq in-naħa l-oħra tat-triq u hemm zebra crossing hemm ukoll.

5.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba għal double yellow line quddiem garaxx fi Triq Santa Margerita. Kien hemm qbil li din ma ssirx peress li mhux proċedura.

5.5 Kien hemm diskussjoni rigward ittra mill-Klabb tal-Futball ta' San Ġwann. Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza Youth Tournament mal-klabb u jalloka budget ta' 500 Ewro.

5.6 Ġiet diskussa proposta biex jiġu organizzati Keep Fit Classes mill-Kunsill. Ma kienx hemm qbil fuq din peress li kien hemm ħafna oħra li talbu biex jorganizzaw attivitajiet u ma ġewx aċċettati peress li l-Kunsill m'għandux post għal dawn l-affarjiet bħalissa.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

6.1.1 Karozza bi plates ta' barra li qed tkun f'San Ġwann f'diversi postijiet. Kien hemm qbil li din tiġi rrappurtata lil TM.

6.1.2 Misraħ il-Ward. Kien hemm qbil li dan għandu jsirlu xogħol ta' manutenzjoni.

6.1.3 Picnic Area f'Wied Għomor. Kien hemm qbil jinbidlu l-bankijiet tal-picnic kif ukoll isiru BBQs fuq il-post u bins ġodda. Kien hemm qbil ukoll li tinħareġ sejħa pubblika għat-tbattil ta' doggie bins u t-tindif tal-picnic area u d-dog park.

6.1.4 Kien hemm qbil li ssir talba lil TM biex terġa' ssir mera fi Triq tal-Balal quddiem l-iskola St Michael's.

6.1.5 Il-bżonn li nkomplu nitolbu depożitu lill-kuntrattur li jitolbu permess għal cranes. Kien hemm qbil li din issir skont il-legal notice maħruġa.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

6.2.1 il-bżonn li ssir laqgħa mas-Sur Tony C Cutajar biex ikompli jaħdem fuq il-Ħuġġieġa.

6.2.2 Infurmat li kien hemm persuna li qed tħabbat lir-residenti ta' Triq is-Sardinella u tgħid li Ġnien Ġorġ Zarb ser isir parkeġġ. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lil dawn ir-residenti biex jiġu nfurmati li dan mhux minnu.

6.2.3 Kien hemm qbil li ssir talba għal-lista ta' liċenzji f'San Ġwann.

6.2.4 Kien hemm qbil li jsir manutenzjoni fuq is-soft area ta' quddiem il-Kappella tal-Propostru.

6.2.5 Hi talbet biex meta joħorġu l-fondi kulturali, issir talba għar-restawr interna tal-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar.

6.2.6 Kien hemm qbil li ssir talba lil GreenPak biex il-boroż il-ħodor jitqassmu kif konna qabel, billi tintbagħat karta fid-djar.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet fuq:

6.3.1 Triq il-Ballut. Kien hemm qbil li ssir tabella biex il-karozzi jipparkjaw bl-exhaust il-barra.

6.3.2 Triq l-Iskola. Kien hemm qbil li jsiru l-linji tal-parkeġġ.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Frar 2017 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**